**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 2 ta' Ottubru 2024**

**Rikors guramentat nru : 120 /2024 AGV fl-ismijiet;**

**KM**

**VS**

**VC , EC , DM u Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti:**

**Rat ir- rikors guramentat ta'  KM   datat 6 ta' Gunju  2024;**

**<u>Tesponi bir-rispett u bil-  guramentat tikkonferma:</u>**

**<u>Dikjarazzjoni dwar  l-oggett</u>** <u>u</u> **<u>l-Fatti tal-Kawza;</u>**

1. Illi fl-24 ta' Ottubru tas-sena elf disa' mija tmienja u disghin (24/10/1998), twieldet ir-rikorrenti  KM   kif jirrizulta mic-Certifikat tat-Twelid hawn anness u mmarkat **Dok A.**

2. Illi  minkejja li fic-Certifikat tat-Twelid imsemmi gie  ddikjarat illi missier ir-rikorrenti huwa l-intimat David Mizzi, l-istess rikorrenti giet koncepita f'kors ta' relazzjoni extramaritali li kellhom l-intimati V C  u EC    u dan kif jirrizulta mit-test tad-DNA hawn anness u mmarkat bhala **Dok B.**

3. Illi l- fatt fuq imsemmi ilu maghruf mill-kontendenti ghal zmien twil tant li l- intimat  EC  ilu prezenti u jghin fil-manteniment tar-rikorrenti bintu ghal zmien twil ossia minn meta l-istess rikorrenti kienet ghadha minuri, u dan kif ser  jirrizulta  minn  dawn il-proceduri u kif anke jidher fis-serje  ta' ritratti hawn annessi u mmarkati komplessivament bhala Dok C.

**Raguni ghat-Talbiet ta' dawn il-Proceduri;**

4. Illi peress li r-rikorrenti ilha tirrokonoxxi lill-intimat EC bhala l-missier naturali taghha u anke in vista tal-fatt li l-imsemmi test tad-DNA ma jhalli ebda dubju dwar dan il-fatt, hija kellha tintavola l-proceduri odjerni u dan sabiex, *inter alia,* tinghata l-kunjom "C'' bhala l-kunjom tal-missier naturali taghha, kif ukoll sabiex jigi kkoregut l-Att tat-Twelid in kwistjoni.

5. Illi l-esponenti tiddikjara li hi taf personalment b'dawn il-fatti.

**Talbiet;**

Jghidu ghalhekk l-intimat, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna u ghar-ragunijiet premessi, kif ukoll ghal dawk kollha li jistghu jirrizultaw waqt it-trattazzjoni ta' dawn il-proceduri, ghaliex din l-Onorabbli Qorti m' ghandiex:

i. Tiddikjara li l- intimat DM m' huwiex il-missier naturali tar-rikorrenti KM li twieldet fl-24 t'Ottubru tas-sena elf disa' mija tmienja u disghin (24/10/1998);

ii. Tiddeciedi u tiddikjara li l- intimat EC huwa l-missier naturali tar-rikorrenti KM li twieldet fl-24 t'Ottubru tas-sena elf disa' mija tmienja u disghin (24/10/1998) u

iii. Tordna lill-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jikkoregi c-

Certifikat tat-Twelid tar-rikorrenti KM billi fil-kolonni fejn hemm indikat il-konnattati taghha jissostitwixxi l- kunjom “M ” bil-kunjom “C ” u billi fejn hemm indikati l-konnattati relattivi ghall-missier, jikkancella d-dettalji tal-intimat DM u jissostitwiehom bid-dettalji tal-intimat EC u

iv. Tordna lill-istess intimat Direttur tar-Registru Pubbliku halli johrog Att tat-Twelid iehor hekk kif korrett.

Bl-ispejjez kontra l-intimati jew min minnhom, li minn issa huma ngunti ghas-subizzjoni.

**Rat in- Nota ta’ V C , EC u ta’ DM l i permezz tagħha qiegħdin jiddikjaraw is-segwenti;**

1. Illi l-attriċi, KM qiegħda titlob lil dina l-wisq Onorabbli Qorti sabiex tiddikjara li l-esponenti DM mhuwiex il-missier naturali tagħha u konsegwentement, fit-tieni talba taghħa l-istess qiegħda titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tiddikjara l-esponenti EC huwa l-missier bijoloġiku tagħha;

2. Illi l-esponenti VC u DM kienu miżżewġin, liema ħajja konjugali ta’ bejniethom ma kienitx aktar possibbli u kienu ħadu s-separazzjoni personali in atti tan-Nutar Dottor Joseph Debono datat 25 ta’ Settembru

tas-sena 2003, liema kuntratt qiegħed jiġi hawn anness u mmarkat bħala Dok 'A';

3. Illi f'dan l-istess kuntratt ta' separazzjoni personali, l-esponenti David Mizzi kien irrinunzja għall-*patria potesta* fil-minuri, illum l-attriċi, KM

4. Illi għal dan il-għan mhux qiegħed jiġi kkontestat li l-esponenti D M mhux il-missier bioloġiku tal-attriċi KM

5. Illi lanqas qiegħed jiġi kkontestat il-fatt li EC huwa l-missier naturali ta' l-attriċi KB

6. Illi għalhekk, permezz ta' din in-nota, l-esponenti, kollettivament qiegħdin jaqblu mat-talbiet ta' l-attriċi KB. Iżda għar-rigward tal-ispejjeż, inkluż dawk tad-direttur tar-Reġistru Pubbliku m'għandhomx jiġu mħallsa mill-esponenti, individwalment u/jew kollettivament.

**RAT IR- RISPOSTA ĠURAMENTATA TAD-DIRETTUR TAR-REĠISTRU PUBBLIKU**

Jesponi bir-rispett u l-Avukat Neil Harrison għan-nom u in rappreżentanza tal-istess Direttur, bil-ġurament tiegħu jiddikjara u jikkonferma dan li ġej*:*

1. Illi l-esponent m'huwiex edott mill-fatti;

2. Illi minn dak li jirriżulta *ictu ocoli* mill-Att tat-Twelid b'numru progressiv **3946/1998**, ' KM twieldet ġewwa Malta nhar l-erbgħa u għoxrin (24) t' Ottubru 1998 lil ' DM ' u 'V M nee' B *wife of the said* DM ', fiż-żwieġ. Dana skont dak li ddikjarat l-omm fid-dikjarazzjoni tat-twelid u għalhekk żgur ma jistax jingħad li sar żball mid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku meta ġie reġistrat l-Att tat-Twelid;

3. Illi nonostante, l-attriċi qiegħda tisħaq illi l-missier naturali huwa ' EC u mhux ' DM ' . Sabiex tissostanzja dan, l-attriċi tippreżenta testijiet ġenetiċi kif ukoll ritratti mal-allegat missier li turi li hija għandha relazzjoni mal-istess EC

4. Illi mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjonijiet preliminari, l-esponent jirrimetti ruħu għas-savju ġudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti **<u>salv dak li ġej</u>**:

5. Illi sabiex tilqa' l-ewwel u t-tieni talba, din l-Onorabbli Qorti għandha tkun sodisfatta illi l-attriċi hija verament it-tifla bijoloġika u naturali ta' EC u mhux ta' DM u dan anke bl-għajnuna ta' testijiet ġenetiċi tramite esperti mqabbda minn din l-Onorabbli Qorti. Illi di piu', jekk it-testijiet ġenetiċi ġja preżentati sejrin jikkostitwixxu xi forma ta' prova, dawn għandhom jiġu maħlufa mill-espert li wettaqhom;

6. Illi dwar it-tielet talba, dejjem jekk din l-Onorabbli Qorti thoss li għandha tilqa' t-talbiet preċedenti, għandha tiġi prezentata **nota bid-dettalji tal-allegat missier fil-mument tat-twelid tal-attriċi.** Senjatament id-dettalji li għandhom jiġu speċifikati huma ismu u kunjomu, n-numru tad-dokument tal-identita' tiegħu, l-professjoni, sengħa jew stat ieħor tiegħu fil-mument tat-twelid tal-attriċi, l-eta' tiegħu meta twieldet l-attriċi, l-post tat-twelid tiegħu, l-post ta' residenza tiegħu meta twieldet l-attriċi, u isem u kunjom missieru (nannu patern tal-attriċi) u jekk dan kienx ħaj jew mejjet meta twieldet l-attriċi. Tali informazzjoni hija meħtieġa biex eventwalment tiġi nserita fl-Att tat-Twelid tal-attriċi f'każ li t-talbiet attriċi jintlaqgħu;

7. Illi jekk l-Qorti tilqa' l-ewwel żewġ talbiet, stante illi l-Att tat-Twelid tal-attriċi fil-kolonna intestata isem u kunjom tal-omm hemm il-kliem "*wife of the said* DM ", għandhom jitneħħew il-kliem "*the said*" stante illi DM ma jibqax jidher bħala l-missier fuq l-Att tat-Twelid bin-numru 3946/1998;

8. Illi b'referenza speċifika għar-raba' talba, dejjem jekk din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet preċedenti, sabiex l-esponent jkun f'pożizzjoni li joħroġ Att tat-Twelid ieħor bil-korrezzjonijiet ordnati minn din l-Onorabbli Qorti, ikun jeħtieġ li l-ewwel jitħallsu d-drittijiet elenkati f'Taqsima I tal-Ewwel Skeda tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

9. Illi finalment, l-esponent m'għandu jeħel ebda spejjez ta' dawn il-proċeduri stante illi huwa ċar illi fil-każ odjern ma jirriżulta ebda nuqqas tal-esponent imħarrek;

10. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri;

**Bl-ispejjeż kontra l-attriċi li qiegħda tiġi nġunta in subizzjoni.**

Rat id-dokumenti esebiti.

Semghet il-provi.

**IKKUNSIDRAT:**

Illi mill-fatti esposti, jirrisulta li l-attrici hija l-wild naturali tal-konvenuti VC u EC . Il-konvenuti C, CM , u M, jaqblu mad-dikjarazzjoni tal-attrici, permezz ta' nota inserita fl-atti datata 11 ta' Lulju 2024. Inoltre, dan huwa ukoll ikkonfermat mit-test tad-DNA li kien sar u li gie esebit fl-atti. Ghalhekk, ladarba hemm prova xjentifika li hija assoluta bhal ma hi dik tal-genetika, il-Qorti m'ghandha ebda dubju li l-konvenuti msemmija huma fil-fatt il-genituri bijologici tal-attrici. Ikkonfortata ghalhekk b'din il-prova, il-

Qorti tista' tghaddi ghas-sentenza u tilqa' t-talbiet attrici. Il-konvenut CM iddikjara wkoll id-dettalji personali tieghu biex dawn jigu introdotti fic-certifikat tat-twelid ta' bintu. Ghalhekk ukoll, l-isem tal-konvenut l-iehor DM ghandu jitnehha mill-istess certifikat tat-twelid, u ssir il-korrezzjoni mehtiega.

Fl-ahhar lok, il-Qorti tifhem li l-attrici tixtieq tibdel kunjomha ghal dak ta' missierha bijologiku, jigifieri li l-kunjom jinbidel minn M ghal CM . Il-Qorti taqbel ukoll ma' din ix-xewqa tal-attrici, u ghalhekk din it-talba ukoll ser tintlaqa'.

**DECIDE:**

GHAL DAWN IL-MOTIVI L-QORTI;

TILQA' T-TALBIET ATTRICI.

i. Tiddikjara li l-intimat DM m' huwiex il-missier naturali tar-rikorrenti KM li twieldet fl-24 t'Ottubru tas-sena elf disa' mija tmienja u disghin (24/10/1998);

ii. Tiddeciedi u tiddikjara li l- intimat EC huwa l-missier naturali tar-rikorrenti KM li twieldet fl-24 t'Ottubru tas-sena elf disa' mija tmienja u disghin (24/10/1998) u

iii. Tordna lill-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jikkoregi c-Certifikat tat-Twelid tar-rikorrenti KM billi fil-kolonni fejn hemm indikat il-konnattati taghha jissostitwixxi l- kunjom “M” bil-kunjom “CM ” u billi fejn hemm indikati l-konnattati relattivi ghall-missier, jikkancella d-dettalji tal-intimat D M u jissostitwiehom bid-dettalji tal-intimat EC u

iv. Tordna lill-istess intimat Direttur tar-Registru Pubbliku halli johrog Att tat-Twelid iehor hekk kif korrett.

**L-ispejjez ghandhom jigu sopportati minn V C u EC f’sehem indaqs bejniethom.**

**Imhallef**
**Onor. Anthony G Vella**